MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 351/2013

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Hersey)
vs
**Corrado Casagrande,**
iben Armando Primo, imwieled l-Italja fl-14 ta' Settembru, 1970, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 31684A

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellat Corrado Casagrande, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:
Talli fis-16 ta' Mejju 2010 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-Qawra u partijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, impjega jew ta xoghol lill-persuna (Kristina Yankauskas passaport nru. CM2136506) persuna mhux ezenti u li ma kellix licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli bhala persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir gewwa ‘Profumo Di...Ristorante Italiano’, Triq Ball, Paceville, u nhawi ohra f’Malta, impiega persuna (Kristina Yankauskas ta’ passaport nru. CM 2136506) li ma kinitx cittadina ta’ Malta u meta din il-persuna ma kellhiex permess tax-xoghol validu u ufficjali.

Talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew il-persuna li timpiega persuni ohra, full time, part time jew xort’ohra b’kuntratt, definit jew indefinitiv, jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 ta’ l-1993 (Artikolu 7 u 3a).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta’ Gunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 3 u 7(a) tal-Avviz Legali 110 ta’ l-1993 u l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, sabitu hati u ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn Euro (€200).
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tat-18 ta’ Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tar-reati migjuba kontra tieghu filwaqt li tirrevokaha fil-bqija billi timponi piena iktar xierqa u idoneja u skont kif preskritt fil-parametri tal-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex taghti s-sentenza taghha fil-konfront tal-appellat u dan peress illi indipendentment tal-fatt li hu nstab hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih, taghtu piena ta' mitejn Euro multa li hija taht il-minimum preskritt mil-ligi, u dan ghar- ragunijiet segwenti :
Illi l-artikolu 32(1)(b ) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217) jghid is-segwenti :
32. (1) Kull persuna li :-
(b) timpjega, jew taghti xoghol lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew b'mod iehor tghin jew tassisti lil xi persuna li ma

tkunx persuna ezenti fl-eghmil ta' reat mahsub fl-artikolu 23;
tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita' ghal dak ir-reat piena akbar b'ligi ohra.
Illi di piu' ir-regolamenti 3 (a) u 7 tal-Avviz legali 110 ta’ l-1993 jghidu is-segwenti : -
3. (a) Kull persuna, hawn iktar 'il quddiem imsejha principal, li timpjega lil xi persuna ohra full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit, jew bi prova ghandha tinnotifika lil Korporazzjoni b'dak l-impjieg kif hawn stabbilit,
7. Kull principal li jimpjega persuna li ma tkunx cittadin ta' Malta, sakemm dik il-persuna ma jkollhiex permess tax-xoghol, ikun hati ta' reat, u jehel meta jinstab hati, multa ta' mhux inqas minn hames mitt Lira Maltija u mhux izjed minn elf lira Maltija, u l-Qorti ghandha fuq talba tal-prosekuzzjoni u b'zieda ma' dik il-piena tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta' kull licenzja mizmuma minn kull min jaghmel ir-reat u li tkun relattiv ghal kurmmerc jew negozju, jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn tkun impjegata dik il-persuna. Id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ta' Hatjin m'ghandhomx japplikaw dwar xi reat bhal dak.
Illi huwa evidenti allura li l-piena minima preskritta mir-regolamenti 7 (a) tal-Avviz Legali 110 ta’ l-1993 hi dik ta' hames mitt Lira Maltija ekwivalenti ghal Elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1,164.69) u titla' sa massimu ta' Elf Lira Maltin (LM 1000) ekwivalenti ghal Elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37) filwaqt li persuna li tinstab hatja ta' reat taht artiklu 32 (l)(b) tista' tehel, meta tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati, multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien kemm-il darba mhix stabbilita ghal dak ir-reat piena akbar b'ligi ohra;

Illi b'hekk bil-komputazzjonijiet legali kollha li jistghu jsiru ma hemm l-ebda dubju li l-piena ta' mitejn Euro multa ma tista' qatt tirraprezenta tali piena fil-parametri tal-ligi ghal dawn ir- reati u li evidentement il-piena minima ma setghetx tkun inqas minn Elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1,164.69);

Rat ir-risposta tal-Appellat Corrado Casagrande ezebiti fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Awwissu, 2013 fejn eccepixxa, preliminarjament, illi n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija giet ipprezentata 'fuori termine' u ghalhekk it-talba tal-Avukat Generali ma tistax tigi milqugha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,
Illi mill-provi jirrizulta li s-sentenza giet moghtija fis-27 ta' Gunju, 2013 u ghalhekk a tenur tal-artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali l-pulizija kellha mhux aktar minn erba' tijiem tax-xoghol biex tipprezenta n-nota li biha l-Qorti hi nfurmata li jista' jkun hemm appell mis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti.

Illi ghalhekk wiehed ghandu jara jekk in-nota verament giet prezentata fit-terminu sancit mill-ligi. Mill-atti processwali jirrizulta li n-nota meritu ta' din l-eccezzjoni preliminari giet prezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2013. Jidher evidenti li din in-nota giet prezentata fil-hames gurnata tax-xoghol – gurnata oltre t-terminu moghti mill-ligi.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza deciza fis-17 ta' Jannar, 2013 minn din il-Qorti fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs James Barbara" fejn f'sitwazzjoni identika ghal din iddecidiet li tali terminu hu terminu fatali ghall-appell tal-Avukat Generali. Referenza qed issir ukoll ghas-sentenza moghtija fl-14 ta' Marzu, 1983 fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs

Charles Spiteri” kif ukoll ghas-sentenza moghtija fl-10 ta’ Dicembru, 1990 fl-ismijiet: “Il-Pulizija vs Charles Micallef”.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma dak enunzjat fis-sentenzi hawn fuq citati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijet premessi tilqa l-eccezzjoni preliminari tal-appellat u ma tiehux konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------